**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 81/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Errol Farrugia**
**(ID 176182(M))**

**DIGRIET**

**Illum, 17 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Errol Farrugia**, iben Martin u Maria Dolores nee` Grech, imwieled il-Pieta` nhar il-21 ta' Marzu 1982, resident Demjar, Triq ix-Xgħajra, Żabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 176182(M) qed jiġi akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Awissu 2014:

1) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali tal-1985 kif emendati, **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-imputat magħmula minnu fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2018, li permezz tagħha talab lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u illi jkun jista' jressaq il-provi sabiex juri illi r-rekwiżiti meħtiega ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[1];

Rat illi l-Prosekuzzjoni ma opponietx din it-talba;

Rat illi b'digriet tagħha tal-istess jum, il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat sabiex iressaq il-provi msemmija;

Rat ukoll illi fuq talba tad-difiża tad-9 ta' Novembru 2020, il-Qorti ħatret lill-espert Dr. Roberta Holland, Psikologa Forensika, sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga, inkluż *ecstasy*, f'Awwissu 2014, kif ukoll dwar jekk sarx progress sostanzjali jew sforz sostanzjali da parti tal-imputat sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga jew jekk hemmx raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-imputat jista' jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga[2];

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert Dr. Roberta Holland ippreżentata minnha fis-seduta tad-9 ta' Frar 2021[3] u semgħet ix-xhieda tagħha tal-istess jum[4];

Semgħet ukoll ix-xhieda ta' Renato Camilleri minn Dar l-Impenn[5] u ta' Dr. Anna Maria Vella, tabiba fi ħdan iċ-Ċentru tad-*Detox*[6];

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

---

[1] Ara a fol. 47 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 73 tal-proċeess.
[3] Ara a fol. 81 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara a fol. 76 *et seq* tal-proċess.
[5] Ara a fol. 58 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara a fol.65 *et seq* tal-proċess.

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti.

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex il-Qorti tiddeċiedi dwar it-talba tal-imputat ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat Errol Farrugia qiegħed jiġi mixli bir-reati ta' pussess aggravat u pussess għall-użu personali tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*, liema reati huwa allegatament wettaqhom fil-lejl ta' bejn l-14 ta' Awwissu 2014 u l-15 ta' Awwissu 2014, u dan wara li allegatament fil-pussess tiegħu nstabu numru ta' pilloli *ecstasy*.

Illi sabiex isostni t-talba tiegħu, l-imputat qed jistrieħ fuq ix-xhieda ta' Renato Camilleri u ta' Dr. Anna Maria Vella, kif ukoll fuq ir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland, maħtura kif ingħad minn din il-Qorti fuq talba tal-istess imputat.

Illi dwar l-allegata dipendenza tal-imputat fuq id-droga, l-espert **Dr. Roberta Holland** tikkonferma illi fiż-żmien li fih l-imputat allegatament wettaq ir-reati lilu addebitati, huwa kien tassew dipendenti fuq id-droga. Tgħid hekk dwar dan fir-relazzjoni dettaljata tagħha:

"**8. Sintesi u Progress**

Mill-istorja tal-imputat wieħed jara kif huwa beda jabbuża l-ewwel bil-kannabis ta' eta` żgħira u dan il-fatt flimkien mal-persuni li kien jagħmilha magħhom għal fini tal-istess vizzju, qarrbuh lejn nies li kienu midħla tad-droga. Fuq livell personali, apparti tendenzi ta' enerġija u sens ta' avventura li kellu, meta għadda minn telfa sinifikanti f'ħajtu, u ċioe` dik tan-nannu tiegħu li miegħu kien viċin ħafna, ma kienx kapaċi jirrisolvi l-emozzjonijiet li segwew b'mod b'saħħtu, u l-anqas fittex l-għajnuna. Minn hawnhekk, u kważi mil-lum għall-għada, huwa beda jabbuża mill-*ecstasy*. Din waslet ukoll għall-eroina u minn hemm għal ċiklu tal-vizzju li normalment iġib miegħu l-użu estensiv u dipendenza mid-droga. Kien madwar sitt snin wara li beda jnaqqas u mbagħad irnexxielu jieqaf mill-eroina, iżda n-nuqqas ta' din, in-nuqqas tal-methadone, u anke ta' mediċini psikotropiċi bir-riċetta, fisser li reġa' beda jabbuża mill-ecstasy kif ukoll minn sustanzi oħra bħal kannabis u l-alkoħol b'mod estensiv. Fil-fatt kien dan il-perjodu tal-każ odjern, żmien li fih l-imputat ma kienx jinsab f'punt tajjeb. Wara l-każ odjern, l-imputat għamel xi żmien fejn kompla juża s-sustanzi iżda wara dan, beda jikber u kien hemm xi bidliet oħra li seħħew f'ħajtu li għenuh sabiex jaqta' anke mill-ecstasy. L-ikbar bidla kienet ir-relazjoni li beda

mas-sieħba tiegħu, apparti li b'hekk qata' wkoll il-ħbieb antiki, u ħruġ f'ambjenti noti għall-użu tas-sustanzi b'mod partikolari l-istimulanti. Minn hawn kien irnexxielu jieqaf kompletament u darba għal-dejjem, mill-użu tal-ecstasy. Xi sena wara, meta twieldet it-tifla, l-imputat irnexxielu wkoll jagħmel madwar sentejn astinenti mill-kannabis, u meta reġa' irkada, l-użu kien moderat. Għalkemm din tidher li hija l-unika sustanza li baqgħet xi ftit ta' problema, wieħed josserva li l-imputat għamel progress notevoli anke fl-użu tal-kannabis. Apparti dan, għandu livell tajjeb ta' stabbilta` u jiffunzjona b'mod sodisfaċenti."[7]

Għaldaqstant, fid-dawl tal-analizi tagħha, l-informazzjoni li provda l-imputat waqt l-intervista klinika, mill-assessjar strutturat u fid-dawl tal-informazzjoni provduta minn sorsi uffiċjali, inkluż miċ-Ċentru tad-*Detox,* l-istess espert ikkonkludiet illi l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien ta' madwar il-każ odjern. Hija tgħid illi matul iżjed mill-għaxar snin ta' qabel, l-imputat kien dipendenti mill-kannabis, *ecstasy*, eroina jew sostitut tagħha u għamel użu minn sustanzi oħra f'perjodu differenti. Mar minn droga għal oħra u kull meta prova jnaqqas, dejjem kellu bżonn ta' sostitut. L-istess espert tgħid ukoll illi fix-xhur ta' qabel il-każ odjern, l-imputat kien waqaf mill-eroina u mill-*methadone*, iżda ftit qabel il-każ huwa kien reġa' żied sew fl-użu tal-*ecstasy,* kannabis u xorb alkoħoliku.

In oltre mill-istess relazzjoni, jirriżulta wkoll illi:

> "Skond id-djanjosi permezz tad-DSM-5, id-diżordni fl-użu kien ta' livell sever kemm fuq il-kannabis, eroina, u anke ecstasy. B'mod separat il-klassifikazzjoni finali hija ta' Severe Cannabis Use Disorder [304.30], Severe Ecstasy Use Disorder [304.40], u Severe Heroin Use Disorder, [304.00]. Meta wieħed jikkunsidra d-dipendenza fuq is-sustanzi b'mod ġenerali, wieħed jara li huwa kellu Sindromu ta' Dipendenza hekk kif id-djanjosi permezz tal-ICD 10 hija ta' Mental and behavioural disorders due to multiple drug use and use of other psychoactive substances [F19.20].
>
> Minn dan jidher li r-reat odjern kien relatat mad-dipendenza u l-użu tad-droga ta' l-imputat li kienu saru parti mill-istil ta' ħajja li kien jgħix. Dan fuq tul ta' diversi snin fejn beda bħala metodu ta' kif ikampa ma' emozzjonijiet diffiċli fil-ħajja, iżda mbagħad kompla anke minħabba n-natura dipendenti tas-sustanzi nnifishom…
>
> Mill-assessjar, ħareġ ukoll b'mod ċar li hemm raġunijiet oġġettivi li l-imputat tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu f'dan il-qasam, li għamel

---

[7] A fol. 89A u 90 tal-proċess.

progress konsiderevoli, u li għamel passi konkreti sabiex jirriabilta ruħu.

> Jidher, li l-imputat irnexxielu jieqaf mill-użu tal-eroina mill-2013, mill-ecstasy bejn l-2014 u l-2015, u cioe` ftit wara l-każ odjern. Jidher li huwa laħaq livell tajjeb ta' stabbilta` u rnexxielu jżomm dan id-disinn għal tul ta' snin li jindika li l-motivazzjoni kienet ġenwina, u l-bidla konkreta b'tali mod li issa kienet ikkonsolidata. Rigward il-kannabis, minn dak iż-żmien l-użu kien moderat u l-aħħar użu kien matul l-aħħar sena iżda dan kien wieħed rari. Baqa' biss dan l-użu u hawnhekk huwa fejn l-imputat jista' jagħmel iżjed progress."[8]

Da parti tiegħu **Renato Camilleri** minn Dar l-Impenn jixhed illi l-imputat daħal ġewwa Dar l-Impenn darbtejn fis-sena 2013 u dan sabiex jaqta' l-*methadone* u l-kura mediċinali li kien qed jieħu minħabba l-problema tad-droga eroina li huwa kellu. Dan jikkorrobora dak riżultanti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland, illi dwar dan il-perjodu ta' ħajjet l-imputat tgħid illi mill-banda l-waħda dan kien juri x-xewqa tal-imputat li jieqaf mill-użu ta' sustanzi lleċiti u li kien lest ifittex l-għajnuna, iżda mill-banda l-oħra, juri wkoll kemm kienet kbira l-problema. Ftit taż-żmien wara huwa kellu l-każ odjern.

Fix-xhieda tagħha, imbagħad **Dr Anna Maria Vella** tgħid illi l-imputat kien pazjent tagħha fi ħdan iċ-Ċentru tad-*Detox* minn Settembru 2007 sa Lulju 2014 u dan stante illi huwa kien jagħmel użu mill-eroina, mill-kokaina u mill-*cannabis*. Huwa kien jieħu l-*methadone*, iżda xorta kien baqa' jagħmel użu mid-droga, sakemm beda juri progress fis-sena 2011. Waqqaf l-użu tal-*methadone* fis-sena 2013, iżda wara dan iż-żmien sa Lulju 2014, hija baqgħet tarah stante li kellu bżonn *anti-depressants*. F'Lulju 2014 ma baqax jieħu l-kura mid-*Detox* iżda mill-komunita`.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Tenut kont tal-provi mressqa u b'mod partikolari tal-konklużjonijiet raġġunti mill-espert Dr. Robert Holland, kif ukoll fid-dawl tal-allegati ċirkostanzi tal-każ u n-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinsab sodisfatta li r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu, u ċioe` illi r-reati li bihom jinsab mixli l-imputat Errol Farrugia kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

In oltre l-Qorti tosserva illi mill-atti jirriżulta illi l-imputat fil-maġġor parti ndirizza d-dipendenza tiegħu fuq id-droga li huwa kien jabbuża minnha matul

[8] Ara a fol. 90A u 91 tal-proċess.

is-snin, inkluż l-*ecstasy,* u għalhekk m'hemmx dubju illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi huwa għamel sforz u progress sostanzjali sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, u dan kif trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti fl-aħħarnett tqis illi ma tirriżulta ebda waħda jew iktar mill-projbizzjonijiet elenkati fl-Artikoli 8 u13 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta għall-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-istess Kapitolu.

**Konklużjoni**

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-imputat **Errol Farrugia** quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat